

- (2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda jew għal parti minnha, dan l-istess qafas regolamentari jipprekludi kwalunkwe rettifika *a posteriori* li tippermetti li tattribwixxi l-operazzjoni fuq il-liċenzja, li tħallas lura fuq il-bażi ta' dan u, skont il-każ, li tirrilaxxa l-garanzija?
- (3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda wkoll, dan l-istess qafas regolamentari għandu jiġi invalidat sa fejn dan ma jipprovdi għall-ħlas lura u, skont il-każ, ir-rilaxx tal-garanzija meta, bħal f'dan fil-każ, il-liċenzja kienet użata jum wieħed qabel?

- (¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, p. 1).
- (²) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008, tat-23 ta' April 2008, li jstabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 114, p. 3).
- (³) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008, tal-21 ta' April 2008, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella (Riformolat) (ĠU L 115, p. 10).
- (⁴) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009, tas-7 ta' Lulju 2009, li jstabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifiżjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 186, p. 1).

Appell ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2013 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-30 ta' April 2013 fil-Kawża T-304/11, Alumina d.o.o. vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni

(Kawża C-393/13 P)

(2013/C 274/17)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix, aġent, u G. Berrisch, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Alumina d.o.o., Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrent fl-ewwel istanza għall-ispejjeż relattivi għall-appell u għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Kunsill jinvoka aggravju uniku insostenn tal-appell tiegħu mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija fit-30 ta' April 2013, fil-Kawża T-304/11, fejn permezz tagħha din annullat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 464/2011, tal-11 ta' Mejju 2011, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tat-trab żeolit A li joriġinaw mill-Bosnja-Herzegovina (¹).

Il-Kunsill jilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' interpretazzjoni tal-kunċett ta' "bejgħ imwettaq fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ" fis-sens tal-Artikolu 2(1) u (6) tar-Regolament Bażiku (²). B'mod iktar partikolari, il-Kunsill isostni li l-bejgħ jista' jseħħ "fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ" anki jekk il-bejgiegħ żied il-prezz tal-bejgħ tiegħu permezz ta' primjum sabiex ikopri r-riskju tan-nuqqas ta' ħlas jew ta' ħlas tardiv.

Skont il-Kunsill, l-interpretazzjoni kuntrarja miżmuma mill-Qorti Ġenerali hija, barra minn hekk, inkompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali.

(¹) ĠU L 125, p. 1.

(²) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51).

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-395/13)

(2013/C 274/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u E. Manhaeve, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju